MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 64/2007

Il-Pulizija
Vs
Carmel Sant

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta’ Novembru, 2005, ghall-habta ta’ bejn it-8.00 a.m. u t-8.30 a.m., hdejn l-Iskola Sir Luigi Preziosi, Pembroke, saq vettura numru LCY-977 (coach),

1. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Elena Micallef skond kif iccertifka Dr. Mrina Aoudi M.D ta’ S.L.H;
2. kif ukoll ingurja jew hedded lill-imsemmija Elena Micallef bil-kliem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Frar, 2007, li biha, stante li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha skond il-ligi, lanqas fir-rigward ta' l-identita' ta' l-appellat, ma sabitx lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu w minnhom illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta' Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza w minflok issib lill-appellat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti, erronjament illiberat lill-appellat mil-akkuza minhabba nuqqas ta' dehra tax-xhud Elena Micallef u Dr. Mirna Aoudi minkejja li l-Prosekuzzjoni ma kienetx irrinunzjat ghal dawn ix-xhieda.uminkejja li dawn kienu xhieda indispensabbli ghaliha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat;

Illi dan hu appell li jirrigwarda in-nullita' tal-procediment quddiem l-Ewwel Qorti w ergo tas-sentenza appellata li segwiet tali procediment. Kif jidher mill-verbal a fol. 21 tal-process, fid-9 ta' Frar, 2007, meta ssejhet il-kawza, gie mbaghad verbalizzat hekk :-

*"…deher l-ufficjal prosekutur;*
*Deher l-imputat debitament assistit minn Dr. Massimo Vella;;*
*Giet prezentata riferta pozittiva ta' Elena Micallef li ma dehritx;*

*L-ufficjal prosekutur jiddikjara li m'ghandux provi x' jipproduci.*
*Inghatat sentenza;*
*Il-kawza giet deciza."*

Umbaghad il-motivazzjoni tal-istess sentenza kienet testwalment din:-

"Stante li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha skond il-ligi, lanqas fir-rigward tal-identita' ta' l-imputat , ma ssibx lill-imputat Carmel Sant hati….. u…… tilliberah."

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti, kif preseduta, fis-sentenza taghha fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Anne Montfort"** [30.9.2004] kellha okkazzjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza rilevanti ghall-dan it-tip t'incident u ccitat b' approvazzjoni s-sentenza taghha "**Il-Pulizija vs. Clive Debono**" [14.9.2004], fejn saret ukoll riferenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta: "**Il-Pulizija vs. Mario Saliba** [15.10.1982];; "**Il-Pulizija vs. Mario Magri"** [28.5.1993]; "**Il-Pulizija vs. Francis Callus**" [30.9.1993]; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zarb"** [22.10.1993]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et**." [3.12.1993] u **"l-Pulizija vs. Francis Borg."** [10.12.1993].

"Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri"** [5.1.1996], li, ladarba ix-xhud ikun debitament notifikat u **sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih**, *(emfasi ta' din il-Qorti)* il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441 (4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap.9, . (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**" [25.7.1994] u ohrajn ).

*Hu minnu wkoll li, kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell , l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe' il-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-*

*Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap.9 , l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara. App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. Pierre Schembri"*** *[8.1.1996] u ohrajn.)"*

F' sitwazzjoni simili, jekk xhud, <u>debitament notifikat</u> biex jidher quddiem il-Qorti, jonqos li jaghmel hekk, sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, il-Qorti ma tistax tghaddi ghas-sentenza imma ghandha rimedji ohra. Altrimenti l-kawzi w l-ezitu taghhom jigi jiddependi fuq  jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le. (ara **"Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri"** App. Krim. [5.1.1996] ).  Mhux biss izda talli meta jirrizulta li dak ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz tal-prosekuzzjoni (kif kien fil-kaz odjern), il-Qorti ghandha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhud kif provvdut fl-artikolu 441 (4) tal-Kodici Kriminali. Jekk dan ma jsirx, l-Avukat Generali ikollu d-dritt ta' appell skond l-artikolu 413 (1) (b) (vi). (ara "**Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**" App. Krim. 25.7.1994). F' sitwazzjoni simili, l-Qorti ma tistax tibqa' ghaddejja qiesu ma gara xejn. Bhala minimu dik il-Qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghall-ammenda w, kemm il-darba il-Qorti ma tkunx tal-fehma (li ma kienetx fil-kaz odjern) li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, l-Qorti ghandha ukoll tordna li dak ix-xhud jingieb b' mandat t' akkumpanjament jew b' mandat t' arrest (art. 441 (4) u 525 (1) (a) tal-Kodici Kriminali.) Anqas ma huwa argument validu dak li jigi ta' spiss ventilat quddiem il-Qrati Inferjuri w cioe' li x-xhud kellu interess li jidher u li allura, la ma deherx, il-Qorti ghandha tibqa' ghaddejja u kif jigri ta' spiss, tillibera. L-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet : il-prosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kazijiet kontemplati fl-artikolu 373, l-offiz/ kwerrelant) u l-imputat. Ghandu kemm ghandu interess xhud fl-ezitu tal-kawza, ma jistax impunement, u hlief fil-kazijiet kontemplati mill-ligi, jippriva lill-parti li tkun harrkitu mid-depozizzjoni tieghu. (ara **"Il-Pulizija vs. Pierre Schembri**" App. Krim. 8.1.1996).

Illi f' dan il-kaz, pero' il-Prosekuzzjoni ma talbitx differiment, biex tkun tista' tipproduci lil dawn ix-xhieda u, minnflok ma insistiet li tipproduci lill-istess xhieda , iddikjarat li ma kellhiex provi x' tipproduci . Mentri din id-dikjarazzjoni qatt ma jmissha saret u l-Prosekuzzjoni jmissha ivverbalizzat li kien ghad fadlilha x-xhieda li kienet tqis li huma indispensabbli.

Ghalhekk in vista ta' din id-dikjarazzjoni li kienet tammonta ghal rinunzja ghaz-zewg xhieda, l-Ewwel Qorti setghet liberament tghaddi ghas-sentenza u konsegwentement, fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li sar ma kienx jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali li jkun jinkwadra taht l-artikolu 413 (1) (b) (vi) tal-Kodici Kriminali, li jaghti dritt t' appell lill-Avukat Generali f' kazijiet analogi.

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell tal-Avukat Generali .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------